MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 794/2006

**Carmelo Caruana Freeport Operations Limited**

**vs**
**Medoffshore Limited registrata l-Ingilterra,**
**Paul Pisani u Mario Degiorgio**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tal-24 ta’ Awwissu 2006 li jghid hekk:

1. Illi permezz ta' Letter of Intent datata 29 ta' Ottubru 2003 Saipem S.p.a. nfurmat lill-intimata Medoffshore Limited li hija kienet se taghti kuntratt ta' sub-appalt *ghall-Provision of logistic services on Western Libya Gas Project- Agip Gas BV Libyan Branch Bahr Essalam pipelines gathering pipelines and export trunklines* liema kuntratt gie effettivament konkluz fit-12 ta' Dicembru 2003 (Dokument I u IA);

2. Illi permezz ta' kuntratt ta' sub-appalt tal-10 ta' Novembru 2003 l-intimata Medoffshore Limited ghaddiet lir-rikrrenti x-xogholijiet ta' *discharge, storage and loadout operations u logistic services* ohra li hija bhal sub-appaltatrici kienet ottjeniet minghand Saipem S.p.a. tal-Italja bil-kondizzjonijiet hemm elenkati u kif miftiehma f'ittri datati 6 u 28 ta' Ottubru 2003 u dana kif jirrizulta minn Dokument II, Dokument III u Dokument IV;

3. Illi r-rikorrenti qdiet l-inkarigu lilha moghti skond il-ftehim milhuq bejnha u bejn l-intimata Medoffshore Limited u ma rceviet ebda ilment la mill-intimata Medoffshore Limited u l-anqas mill-principal Saipem S.p.a.;

4. Illi skond l-ittra datata 6 ta' Ottubru 2003 gie miftiehem li Medoffshore Limited kellha tibghat l-invoices tar-rikorrenti lil Saipem S.p.a. u, fi zmien jumejn minn meta l-intimata Medoffshore Limited tircievi l-hlas minn Saipem S.p.a. hija kellha thallas lir-rikorrenti;

5. Illi permezz ta' ittra data 11 ta' Frar 2004 l-intimata Medoffshore Limited ghaddiet kuntratt ta' sub-appalt iehor ghal logistic services u provvista ta' materjal fosthom ilma u crew changes (Dokument V);

6. Illi l-hlasijiet tat-tieni kuntratt ta' sub-appalt kellhom isiru sal-ewwel gimgha ta' Gunju 2004 ghall-fatturi mahruga sal-15 ta' April 2004 u ghall-fatturi sussegwenti kellhom jithallsu fi zmien hamsin (50) gurnata mill-hrug taghhom;

7. Illi sallum il-guranta hemm bilanci dovuti fuq l-ewwel sub-appalt ta' elf sitt mija u erba' u erbghin lira u hamsin centezmu (LM1,644.50) u fuq it-tieni sub-appalt ta' mitejn u seba' u erbghin elf u mija u tmintax-il lira u tlieta u disghin centezmu (Lm247,118.93) kumplessivament mitejn u tmienja u erbghin elf seba' mija u tlieta u sittin lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm248,763.43) (Dokument VI);

8. Illi r-rikorrenti interpellat lill-intimata Medoffshore Limited diversi drabi biex isir il-hlas tax-xogholijiet esegwiti

w imghax akkumulat pero l-hlas ma sarx ghaliex l-intimat Paul Pisani allega li il-principal Saipem S.p.a. kienet qed tikkontesta dawn il-bilanci;

9. Illi minn Awwissu tal-2005 sallum ir-rikorrenti, totalment minghajr pregudizzju u sabiex jigi evitati proceduri gudizzjarji, l-intimat Paul Pisani proprio diversi drabi sabiex jaghti informazzjoni fuq din il-kontestazzjoni sabiex ir-rikorrenti tkun tista tirribatti l-allegazzjonijiet u eventwalment tithallas (Dokument VII);

10. Illi nonostante diversi promessi da parte tal-intimat Paul Pisani proprio qatt ma nghatat prova li fil-fatt l-invoices tar-rikorrenti kienu ikkontestati u meta r-rikorrenti kitbet lill-principal Saipem S.p.a. ghall-informazzjoni din ta' l-ahhar, ghalkemm mhux direttament, tat indikazzjonijiet cari li l-allegazzjonijiet tal-intimat Paul Pisani kienu fittizji (Dokument VIII);

11. Illi r-rikorrenti ghamlet ricerka fir-Registru tal-Kumpaniji tal-Ingilterra u rrizultalha li l-kumpanija intimata Medoffshore Limited kienet rregistrata fl-20 ta' Gunju 2003 u li d-diretturi l-intimati Mario Degiorgio u Paul Pisani pprezentaw *unaudited accounts* nonostante li ma setghux jaghmlu dan skond l-artikolu 249A tal-Companies Act 1985 Ingliza u dan peress li t-turnover tal-kumpanija intimata kien jeccedi l-miljun u erba' mitt elf sterlina Ingliza. (STG 1.4 million) fejn gie ddikjarat ukoll mill-intimati Paul Pisani u Mario Degiorgio li ghalkemm il-kumpanija ghamlet telf fl-ewwel sena ta' operazzjoni kellha taghmel qliegh fis-snin sussegwenti (Dokument IX);

12. Illi ma jezisti ebda rendikont ta' fejn marru l-hlasijiet tal-2004 u 2005 hlief li fit-23 ta' Frar 2004 awtorizzaw lil Medoffshore Limited thallas lill-intimati Paul Pisani u Mario Degiorgio nfushom tramite l-kumpaniji taghhom Argona Limited u Cassion Limited erbgha u ghoxrin elf lira Maltin [Lm24,000] kull wiehed fis-sena. (Dokument X);

13. Illi l-intimati Paul Pisani u Mario Degiorgio bhala unici diretturi tal-intimata Medoffshore Limited naqsu li jiddistingwu bejn l-assi u l-introjtu tal-istess kumpanija u

naqsu li jzommu kotba ta' kummerc li juru fejn u kif gew imqassma l-flejjes li rceviet l-kumpanija;

14. Illi r-rikorrenti nterpellaw lill-intimata Medoffshore Limited u lill-intimat Paul Pisani diversi drabi bil-miktub sabiex isir il-hlas tal-bilanci dovuti ghas-servizzi minnhom rezi madankollu baqghu inadempjenti;

15. Illi ai termini tal-Council regulation 44/2001 nonostante li l-intimata Medoffshore Limited hija kumpanija Ingliza din l-Onorabbli Qorti ghandha gurisdizzjoni tisma' din il-kawza ai termini tal-artikolu 60(1) sa (3) tal-istess Regulation stante li kemm is-*central administration* u l-*principal place of business* jinsab Malta;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din il-Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet premessi:

i. Tikkundanna lill-intimata Medoffshore Limited thallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u tmienja u erbghin elf seba' mija u tlieta u sittin lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm248,763.43) bilanci dovuti fuq il-kuntratti ta' sub-appalt fuq riferiti maghrufa bhala *Provision of logistic services on Western Libya Gas Project- Agip Gas BV Libyan Branch Bahr Essalam pipelines gathering pipelines and export trunklines* fuq riferit;

ii. Tiddikjara li l-intimati Mario Degiorgio u Paul Pisani bhala diretturi tal-intimata Medoffshore Limited naqsu li jiddistingwu bejn l-assi u l-introjtu tal-istess kumpanija u naqsu li jzommu kotba ta' kummerc li juru fejn u kif gew imqassma l-flejjes li rceviet l-kumpanija; u konsegwentement;

iii. Tiddikjara lill-istess intimati Mario Degiorgio u Paul Pisani responsabbli in solidum mal-intimata Medoffshore Limited u konsegwentement tikkundannhom ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u tmienja u erbghin elf seba' mija u tlieta u sittin lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm248,763.43) dovuta mill-intimata Medoffshore Limited skond l-ewwel talba;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-31 t'Awwissu 2005; 10 ta' Settembru 2005; 15 ta' Dicembru 2005; 29 ta' Dicembru 2005; 12 ta' Mejju 2006; tal-11 ta' Lulju 2006; tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar 2006 u bl-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha li tghid hekk:

1. Illi l-ewwel lok l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza ghas-segwenti ragunijiet preliminari:

a. Illi l-azzjoni hija intempestiva peress li sa fejn jirrigwarda l-ammonti reklamati minghand is-socjeta' Medoffshore Limited, u allura in kontestazzjoni, dawn setghu biss jigu risolti permezz tal-procedura stabbilita bejn il-partijiet fit-termini tal-artikolu 68 tal-kuntratt bejn Saipem u Medoffshore Limited tad-29 ta' Ottubru 2003 (Dok. A) u artikolu 32 tal-Frame Agreement tat-18 ta Marzu 2004 kif diversi drabi rivedut (Dok. B) u dan kif adottati bejn il-kontendenti b'ittri rispettivi datati 10 ta' Novembru 2003 u 11 ta' Frar 2004, (Dok. C u Dok. D) liema ittri gew ukoll esebiti mir-rikorrenti mar-rikors promotur. Kwindi una volta li f'kull kaz il-kontendenti pprovdew ghall-klawsola ghall-procedura fuq imsemmija u konsegwenzjali klawsola arbitrali, fil-kaz ta' disputa meritu tal-kawza odjerna, l-azzjoni proposta hija ghal kollox intempestiva mhux biss fil-konfront tas-socjeta' intimata izda wkoll tal-esponenti personalment fid-dawl ta' dak li qieghed jigi premess u mitlub fir-rikors guramentat, u di piu', dina l-Onorabbli Qorti ma ghandha ebda gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni tal-kawza u dan in omagg tal-principju *pacta sunt servanda* peress li una volta l-ammonti reklamati huma naxxenti minn sub-appalt bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' Medoffshore Limited, kif miftiehem fl-ittri fuq imsemmija u allura kif regolati mill-artikoli 67 tal-kuntratt tad-29 t'Ottubru 2003 u 32 tal-“Frame Agreement" fuq imsemmi rispettivament, il-kontendenti ikkonvenew li ghandhom ikunu l-Qrati Brittanici li jiddeterminaw kull kwistjoni li titqanqal bejniethom ad eskluzjoni ta' kull Qorti ohra. Illi ghalhekk galadarba din il-Qorti m 'ghandhiex gurisdizzjoni a bazi ta' dan il-ftehim biex tiddeciedi dwar l-

ammonti li qeghedin jintalbu, apparti s-socjeta’ intimate, anke l-esponenti fil-vesti personali taghhom ghandhom jigu liberati mill-osservanza fid-dawl ta’ dak li jinghad u qieghed jintalab fir-rikors promotur;

b. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju sa fejn saret referenza ghal Council Regulation 44/2001 dan mhux applikabbli fid-dawl li r-rikorrenti u s-socjcta’ intimata ghamlu ghazla specifika tal-Iigi li riedu li tapplika bejniethom, u dan kif spjegat fil-paragrafu precedenti, li allura jfisser ukoll li anke f’dan il-kaz l-esponenti fil-vesti personali taghhom ghandhom flimkien mal-kumpanija in kwestjoni bl-istess mod jigu librrati mill-osservanza;

2. IlIi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost il-kwistjoni li tirrigwarda r-responsabilita personali tad-diretturi ta’ kumpanija registrata l-Ingilterra u li ghadha vijabbli ma hiex kwistjoni li ghandha tkun sindikabbli minn dina l-Onorabbli Qorti ghaliex ir-responsabilita personali tad-diretturi ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tal-Council Regulation 44/2001. Di fatti artikolu 1 tar-Regolament jiddisponi li r-regolament ma japplikax u cioe:

"This regulation shall not apply to … bankruptcy, proceedings relating to
winding up of insolvent companies or other legal persons, judicial agreements, compositions and analogous proceedings."

Illi fid-dawl tal-azzjoni kif proposta l-atturi qeghdin bhal donnhom jaghtu x'jifhmu li l-azzjoni qeghdha ssir kontra taghhom personalment meta la huma jippretendu u lanqas jitolbu l-“lifting of the corporate veil"; liema azzjoni biex tirnexxi trid tipprospetta sitwazzjoni bhal dawk elenkati fil-Council Regulation appena citat sabiex isir dan, uU cioe sabiex tigi stabbilita r-responsabilita personali tad-diretturi, il-kwistjoni kollha tiddependi mill-ezitu ta' azzjoni kontra l-kumpanija li bil-fors trid issir l-Ingiliterra u ghalhekk inevitabbilment trid issir f’dik il-Qorti ad eskluzjoni ta’ kull Qorti ohra, inkluza dik Maltija. Aktar minn hekk sa fejn l-atturi qeghdin jesperitaw l-azzjoni kontra d-diretturi personalment, l-artikolu 60 tal-Council

Regulation citat minnhom huwa kompletament irrilevanti ghall-kaz odjern peress li fost ohrajn l-azzjoni hija diretta kontra d-diretturi personalment, mentri l-artikolu in kwestjoni jirrigwarda biss is-sitwazzjoni fir-rigward ta' kumpaniji u persuni legali, pero mhux persuni fizici;

3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost u sa fejn jirrigwarda r-responsabilita personali tal-esponenti, imkien fir-rikors promotur ma hemm indikat bi precizjoni f'konfigurazzjonijiet guridici ghaliex l-esponenti ghandhom jinzammu personalment responsabbli ghad-djun tal-istess kumpanija u b'mod specjali meta jidher car li l-atturi mhux qeghdin jitolbu l-"lifting of the corporate veil". Ir-responsabilita tad-diretturi ma hiex presunta fil-ligi u tista' biss tipprexxindi minn sitwazzjoni specifika jew mid-dikjarazzjoni ta' falliment ta' kumpanija. Issa fic-cirkostanzi ma jissussitu l-ebda wahda minn dawn is-sitwazzjonijiet u l-anqas si tratta ta' azzjoni ta' falliment kontra xi kumpanija. Apparti dan lanqas huwa accettabbli fil-ligi li l-atturi jagixxu kontra d-diretturi personalment meta l-kumpanija ghadha vijabbli. Tajjeb ukoll jigi spjegat illi fir-rikors promotur lanqas mhu qed jigi addebitat li kien hemm xi agir frawdolenti da parti tal-esponenti personalment, tant illi m'hemm ebda talba fir-rikors promotur fejn dina l-Onorabbli Qorti qed tintalab li l-agir taghhom kien frawdolenti, izda semplicement qed jinghad illi Mario Degiorgio u Paul Pisani naqsu li jiddistingwu bejn l-assi u l-introjtu tal-istess kumpanija, li naqqsu milli jzommu l-kotba tal-kummerc u fejn u kif gew imqassma l-flejjes li rceviet il-kumpanija, allegazzjoni li jichdu b'mod kategoriku u dan kif ser jigi ippruvat fil-kors tal-kawza;

4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost l-esponenti personalment ma humiex il-legittimi kontraditturi u dan anke jemergi car mill-mod kif inhu postulat ir-rikors guramentat. Dan mhux biss ghax ma tezisti ebda relazzjoni guridika mal-pretensjonijiet tal-atturi kemm kontrattwalment u kif ukoll mod iehor, izda ghaliex il-fatti kollha juru illi ma jezisti ebda ness f'sens legali bejn dak li ppremettew ul qed jitolbu fir-rikors promotur ir-rikorrenti u l-esponenti, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

5. Illi rninghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, sa fejn jirrigwarda l-kumpanija Medoffshore Limited, huwa assolutament zbaljat u skorrett dwar dak li allegaw l-atturi dwar il-posizzjoni tal-istess kumpanija taht il-Companies Act 1985 Ingliza. Din hija asserzjoni ghal kollox barra minn lokha u frivola u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza, bizzejjed jinghad li l-ligi Ingliza giet citata ghal kollox b'mod hazin;

6. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso li jigu michuda l-eccezzjonijiet fuq imsemmija, fil-mertu l-ammonti kif mitluba mis-socjeta' rikorrenti ma humiex dovuti u dan ghaliex:

a. In parti l-ammonti mitluba huma preskritti ai termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 544(a), (b), (d) (e) tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta ' Malta;

b. Ghall-bqija, ebda ammont mhu dovut peress illi qabel mas-socjeta' Carmelo Caruana Freeport Operations Limited talbet dawn l-ammonti, ma mxietx skond kull ftehim li kellhom mas-socjeta' Medoffshore Limited u di piu kien hemm diversi karenzi tal-mod kif gew prezentati l-kontijiet li kieku gew imhallsa kienu ser jippregudikaw serjament l-interessi tas-socjeta' intimata, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza;

7. Ghall-bqija t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat illi l-provi gew indirizzati lejn l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat il-provi kollha u dokumenti esebiti kif ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u t-trattazzjoni li saret fil-21 ta' Novembru 2011;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghat-28 ta’ Novembru 2011.

**Ikkunsidrat**

Fl-ewwel lok qed jigi sottomess mill-konvenuti illi kull ammont riklamat mis-socjeta’ attrici w allura in kontestazzjoni setghu jigi risolti biss permezz tal-procedura stabbilita skond l-artikolu 68 tal-kuntratt bejn Saipem u Medoffshore Limited tad-29 ta’ Ottubru 2003 u artikolu 32 tal-Frame Agreement tat-18 ta’ Marzu 2004 kif addottati mill-partijiet kontendenti b’ittra tal-10 ta’ Novembru 2003 u 11 ta’ Frar 2004. Ghalhekk il-kawza prezenti, la darba kien hemm procedura biex tigi risolta disputa, hi intempestiva.

Fit-tieni lok la darba l-partijiet ftehmu skond l-artikolu 67 tal-kuntratt tad-29 ta’ Ottubru 2003 u dak tat-18 ta’ Marzu 2004 li huma l-Qrati Brittanici li jiddeterminaw kull kwistjoni, allura din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni.

Fit-tielet lok u safejn saret referenza ghall-Council Regulation 44/2001, din mhix applikabbli fil-konfront tal-konvenuti ghax il-partijiet qablu fuq l-ghazla tal-ligi li ghandha tapplika bejniethom.

Qabel jigu indirizzati dawn l-oggezzjonijiet hu tajjeb li l-Qorti tpoggi f’perspettiva fattwali l-vertenza.

Jidher kemm mill-atti u mix-xiehda  estensiva fuq dawn il-punti illi bejn il-partijiet saru zewg ftehim separati ta’ sub-appalt ghalkemm in mertu ghall-istess xogholijiet.

Ir-retroscena hu kif gej.

Il-kumpanija Medoffshore Limited dahlet f’negozjati mas-socjeta’ Saipem S.p.a. tal-Italja ghal ’pipe handling contract’. Sfortunatament iz-zewg kontendenti pprezentaw id-dokumenti b’mod frammentat u mhux b’mod kronologiku tant li anki waqt is-smigh quddiem l-assistent gudizjarju kemm-il darba saret referenza ghall-istess dokumenti li jinsabu sparpaljati u mhux kollha fl-intier

taghhom, tul il-process voluminuz kollu. Madanakollu l-Qorti fehmet mill-provi illi qabel ma sar ebda ftehim preliminari u susegwentement konklussiv bejn Saipem S.p.a. tal-Italja u Medoffshore, is-socjeta' attrici kienet gia mdahhla fit-trattativi u negozjati bejn il-kumpanji msemmija ghalkemm jinghad ghal kjarizza ma kienitx parti. Dan jidher minn ittra datata 24 ta' Settembru 2003 mibghuta mis-socjeta' attrici lil Saipem UK ta' Londra fejn saret referenza ghan-negozjati bejn Medoffshore u Saipem u ikkonfermaw li jekk Medoffshore tinghata l-kuntratt, is-socjeta' attrici li kienet gia f'sub-appalt ma' Medoffshore (liema allegazzjoni ma tirrizultax bhala pruvata mill-atti) kienet lesta li tassumi responsabilta u tiggarantixxi hi t-tkomplija tax-xoghol jekk ghal xi raguni Medoffshore ma tibqax topera (ara pagna 15 tal-process).

F'dan l-isfond, fis-6 ta' Ottubru 2003 Medoffshore Limited accetat proposta tas-socjeta' attrici biex tal-ahhar tinghata sub-appalt tal-'pipe handling contract' kondizzjonat ghall-ftehim li ghad kellu jsehh bejn Medoffshore u Saipem (ara fol. 86 tal-process). Fit-28 ta' Ottubru 2003 saru xi emendi ghall-ftehim tas-6 ta' Ottubru 2003 (ara fol. 90 tal-process).

Fid-29 ta' Ottubru 2003 harget letter of intent dwar l-imsemmi kuntratt minn Saipem S.p.a. (ara fol. 8 sa 10 tal-process) liema letter of intent giet accettata mis-socjeta' Medoffshore fejn jidher ukoll li d-direttur tas-socjeta' attrici kien xhud tal-firma fuq l-accettazzjoni (ara fol. 11 tal-process). Ma' din il-letter of intent kien hemm erba' dokumenti maghrufa bhala Exhibit 1 sa Exhibit IV. Gew esebiti mis-socjeta' attrici flimkien mal-kawza, apparti l-letter of intent fl-ordni li gew prezentati, Exhibit IV cioe s-schedule of rates a fol. 12, u Exhibit IV iehor a fol. 80 tal-process, Exhibit II cioe general terms and conditions of subcontract li hu dikjarat li fih 41 pagna pero li minnu jew esebiti biss l-ewwel 39 pagna a fol. 16 tal-process. Din ser tassumi relevanza ghall-eccezzjoni li qed tigi trattata. Gie esebit Exhibit 1 cioe special conditions a fol. 54 tal-process. Gie esebit Exhibit III cioe scope of work for logistic base services a fol. 69 tal-process. Dawn id-dokumenti huma kollha datati 29 ta' Ottubru 2003.

Is-socjeta' attrici tikkontendi li dawn id-dokumenti huma dawk li nghataw lilhom mis-socjeta' konvenuta u xejn aktar.

Fl-10 ta' Novembru 2003 gie konkluz il-ftehim bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta (ara ittra mibghuta mis-socjeta' konvenuta lil dik attrici fol. 84 tal-process) fejn saret referenza ghall-ittri bejn il-partijiet tas-6 u 28 ta' Ottubru 2003 u ghal letter of intent tad-29 ta' Ottubru 2003. Fil-ftehim tal-10 ta' Novembru 2003 iffirmat minn Paul Pisani ghas-socjeta' konvenuta u Joseph Hili ghas-socjeta' attrici hemm imnizzel hekk:

"We (cioe s-socjeta' konvenuta) hereby formally subcontract all discharge, storage and loadout operations under the above contract (dak konkluz bejn is-socjeta' konvenuti u Saipem) to Carmelo Caruana Freeport Operations Limited, under the same terms and conditions (Exhibit II) as amended by the special conditions (Exhibit 1) as well as scope of work for logistic base services (III) agreed upon between Medoffshore Limited and Saipem S.p.a. ...".

Iktar il-quddiem jinghad:

"all arrangements between Medoffshore Limited and Carmelo Caruana Freeport Operations Limited shall primarily be regulated by the contents of letters exchanged between these parties and endorsed by both parties. In the event that any disagreement shall exist between the terms and conditions, scope of work and any other documents attached to and forming part of the letter of intent or eventual contract between Saipem S.p.a. and Medoffshore Limited and letters exchanged between Medoffshore Limited and Carmelo Caruana Freeport Operations Limited, the latter will be considered to apply; the contents of the most recent letter will overrule the contents of all previous letters where these disagree".

Mix-xhieda ta' Tonio Micallef accountant tas-socjeta' attrici, jidher car illi Exhibits I, II, III u IV inghataw lis-socjeta'

attrici min Paul Pisani direttur tas-socjeta' konvenuta. Dak li jassumi relevanza ghall-ewwel eccezzjoni kif gia gie accennat aktar il-fuq hu illi Exhibit II cioe t-terms and conditions tal-letter of intent bejn Saipem u Medoffshore kif esebit mis-socjeta' attrici jikkontjeni zewg pagni nieqsa cioe pagni 40 u 41. Kif irrizulta aktar il-quddiem waqt il-kawza meta gie pprezentat kopja kompleta tal-kuntratt mis-socjeta' konvenuta, pagna 40 tikkontjeni 'arbitration clause'. Din tghid hekk (fol. 302 tal-process):

68 <u>SETTLEMENT OF DISPUTES</u>

68.1 In the event of a dispute arising out of the Subcontract, including but not limited to its validity and performance, either party may give to the other written notice adequately identifying the matter(s) forming the subject of the dispute (in this Article 68 such written notice is referred to as a "Notice of Dispute.")

68.2 Within five (5) days of the service of a Notice of Dispute, the parties shall confer at least once to attempt to resolve the dispute. At any such conference each Party shall be represented by a person having authority to resolve the dispute. Failing resolution of the dispute within ten (10) days following service of the Notice of Dispute (or such longer period as the Parties may mutually agree), either Party may propose to the other Party that the dispute be resolved-by arbitration in accordance with 68.3.

68.3 All disputes which the Parties agree to resolve by arbitration shall be referred to and resolved by binding arbitration under the rules of arbitration (the "Rules") of the International Chamber of Commerce (ICC) which Rules are deemed to be incorporated by reference into this Purchase Order subject to the following provisions:-

(a) the arbitration shall be conducted by a single arbitrator chosen by the Parties, provided that if Parties shall fail to select an arbitrator within (21) days of the

demand for arbitration, then such arbitrator shall be selected by the ICC.

(b) the place of arbitration shall be Milan, Italy.

(c) the arbitration request shall include an application under Rule 32.1 concerning Expedited Formation, and shall contain a request that the issue be resolved within thirty (30) days from the time the request is received by the ICC;

(d) The language to be used in the arbitral proceedings shall be English.

Jinghad ghal kompletezza illi gie esebit mis-socjeta' attrici stess kopja tal-kuntratt finali bejn is-socjeta' konvenuta u Saipem S.p.a. konkluz u datat 12 ta' Dicembru 2003 (fol. 56 tal-process) li fis-sustanza ma ghandux relevanza ghal ftehim bejn il-kontendenti jew l-eccezzjoni tal-konvenuti hlief ghal fatt li jikkontjeni l-pagni neqsin tad-dokument esebit mis-socjeta' attrici.

Qabel ma nqalghet divergenza bejn il-kontendenti, l-istess kontendenti dahlu fi ftehim iehor naxxenti mill-ewwel wiehed pero distint minnu u jitratta Maritime Agency Services. Giet esebita mis-socjeta' attrici ittra datata 11 ta' Frar 2004 (fol. 92 tal-process) fejn is-socjeta' Medoffshore Limited irreferit ghal letter of intent li kienet irceviet dakinhar stess minghand Saipem S.p.a. tramite l-UK Branch tal-istess socjeta' (liema letter of intent ma hix esebita).

Fl-ittra tal-11 ta' Frar 2004 jinghad hekk:

We hereby formally subcontract the operations indicated as CCFO on the attached Prices and Rates Schedule marked 'Doc A' to yourselves, under the same Terms and Conditions (Exhibit II), as amended by the Special Conditions (Exhibit 1), as well as Scope of Work for Logistic Base Services (Exhibit Ill), agreed upon between Medoffshore Limited and Saipem Sp.a., provided that

wherever Rates and Prices are mentioned these will not apply for the purpose of this subcontract but shall be charged at the final rates agreed between ourselves (as per attached Doc A), and which include all discounts and adjustments during the period of negotiations and over-ride any other rates agreed upon to date.

All arrangements between Medoffshore Limited and Carmelo Caqruana Freeport Operations Limited shall primarily be regulated by the contents of letters exchanged between these parties and endorsed by both parties In the event that any disagreement shall exist between the terms and conditions, scope of work and any other documents attached to and forming part of the Letter of Intent or eventual Contract between Saipem S.p.a. and Medoffshore Limited, and letters other communications exchanged between Medoffshore Limited and Carmelo Caruana Freeport Operations Limited, the latter will be considered to apply; the contents of the most recent letter / other communication will over rule the contents of all previous letters / other communications where these disagree.

Is-socjeta’ attrici tishaq illi l-ftehim hu kostitwit minn din l-ittra biss billi qatt ma gew ricevuti dokumenti a rigward ghalkemm mitluba (ara xiehda Tonio Micallef fol. 448 et seq.). L-istess xhud izid li ma ghamlu xejn dwar dan in-nuqqas billi kienu qed jaghmlu x-xoghol kif sar fl-ewwel kuntratt.

Il-konvenut Paul Pisani jixhed illi t-tieni ftehim sar a bazi tal-ittra datata 11 ta’ Frar 2004 u l-frame agreement li esebit is-socjeta’ konvenuta a fol. 303 tal-process. Jigi relevat mill-Qorti illi dan il-frame agreement hu datat pero 18 ta’ Marzu 2004 bejn Saipem u s-socjeta’ konvenuta ghalkemm jidher mid-dati fil-qiegh fuq in-naha tax-xellug (pagna 303 tal-process) illi l-bidu fis-sehh tal-ftehim imur lura ghad-9 ta’ Frar 2004. Pero hu mnizzel car f’dan il-ftehim fil-bidu tieghu illi dan il-frame agreement jissostitwixxi kompletament il-letter of intent bejn is-socjeta’ konvenuta u Saipem datat 11 ta’ Frar 2004.

Is-socjeta' attrici tissottometti illi l-bilanc dovuta lilha fuq l-ewwel ftehim hu ta' circa €3,961, bil-bilanc tal-ammont kollu pretiz minnha hu dovut fuq it-tieni kuntratt.

**Klawsola arbitrali**

F’materja ta’ ftehim hu ben stabbilit illi l-partijiet huma marbutin b’dak li ftehmu liema ftehim irid jirrizulta b’mod car. Il-kwistjoni f’din l-istanza hi fl-ewwel lok jekk il-partijiet intrabtux bi ftehim li jekk ikun hemm disputa bejniethom dan kellu jigi rizolt bi procedura partikolari, barra mill-Qrati Ordinarji. Il-konvenuti isostnu li fiz-zewg kuntratti bejn il-partijiet tezisti forma arbitrali specifika ghal rizoluzzjoni ta’ nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet, u fil-fatt isemmu specifikament l-artikolu 68 tat-terms and conditions mal-letter of intent bejn Saipem u socjeta’ konvenuta tad-29 ta’ Ottubru 2003 u l-artikolu 32 tal-frame agreement tat-18 ta’ Marzu 2004 bejn l-istess.

Kif deciz minn din il-Qorti fil-kawza **Bayrak Operations International Limited vs World Express Logistics Limited** (PA 12.05.2011) intqal illi

Il-principju tal-eskluzjoni tal-gurisdizjoni tal-Qrati Ordinarji hu ben accettat u rispettat in kwantu dan hu espressjoni tal-volonta tal-kontraenti li ghal kull fini w effett tal-ligi jammonta ghal ligi bejn l-istess partijiet.

F’dik is-sentenza inoltre saret referenza ghal Kapitolu 387 dwar l-arbitraggi li fl-artikolu 2(a) hu stipulat li l-arbitragg hu ftehim kif definit fl-artikolu 7 tal-**Model Law (Uncitral Rules)** u jghid hekk:

"(1) "Ftehim ta' arbitragg huwa ftehim bejn il-partijiet li jissottomettu ghal arbitragg kull tilwima Jew xi tilwim li jkunu tnisslu Jew li jistghu jitnisslu bejniethom ghar-rigward ta' relazzjoni legali definita, sew jekk kontrattwali sew jekk le. Ftehim ta' arbitragg jista ' jkun fl- ghamla ta' klawsola ta' arbitragg Jew fl- ghamla ta' ftehim separat.
(2) Il-ftehim ta' arbitragg ghandu jsir bil-miktub. Ftehim ikun bil-miktub jekk dan ikun jinsab f'dokument iffirmat mill-partijiet Jew fi skambju ta' ittri, telex, telegrammi Jew mezzi ohra ta' telekomunikazzjoni li jipprovdu prova tal-ftehim, Jew fi skambju ta' dikjarazzjonijiet ta' talba u ta'

eccezzjonijiet li fihom jigi allegat minn xi parti li jkun hemm xi ftehim u dan ma jigix michud m ill-parti l-ohra. **<u>Ir-riferenza f'kuntratt ghal dokument li jkun fih klawsola ta' arbitragg jikkostitwixxi ftehim ta' arbitragg kemm-il darba l-kuntratt ikun bil-miktub u r-riferenza tkun tali li taghmel lil dik il-klawsola parti</u>** mill-kuntratt." (enfazi mizjuda)

Inoltre kif qalet l-istess sentenza fuq citata:
Qari ta' dan l-artikolu ipoggi l-vertenza fil-perspettiva gusta tieghu. Il-ligi trid li klawsola arbitrali tkun jew parti minn kuntratt miktub jew f'dokument separat li referenza specifika ghalih issir f'kuntratt miktub b'mod li tali klawsola tkun parti mill-kuntratt. Il-ligi taghmilha *sine qua non* kondizzjoni inderogabbli li klawsola arbitrali tkun bil-miktub u b'referenza cara bejn il-partijiet li dik il-klawsola, avolja kontenuta f'dokument separat, tifforma parti integrali mill-kuntratt. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Mark Laferla noe vs Saviour Attard** (App. Kum. 30/1/1995):

"Il-ligi trid tassikura li l-oggett tal-kontroversja u l-adezjoni tal-parti li l-kontroversja tigi rizotta b'arbitragg tirrizulta minn kitba privata jew att pubbliku sabiex tigi evitata kwalunkwe incertezza. Jekk ma hemmx il-kitba u l-kunsens u l-accettazzjoni tal-parti, ma jistax jinghad li hemm kunsens validu skond il-ligi".

Inoltre kif qalet il-Qorti fil-kawza **Victor Zammit et vs Jospeh Stivala** (PA 20/7/1994) "Ir-raguni fuq il-forma hi komprensibbli ghax il-kompromess jimplika rinunzja ghad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja … ta' almenu wiehed mill-partijiet".

Ghalkemm dawn is-sentenzi nghataw fi zmien meta l-Kodici ta' Procedura kien jirregola l-arbitragg u l-ligi dwar l-arbitragg ma kienitx ghadha mahsuba, pero l-insenjament moghtija f'dawn is-sentenzi huma applikabbli bil-ligi kif inhi illum.

Hu pacifiku bejn il-partijiet li saru zewg ftehim bejniethom dak tal-10 ta' Novembru 2003 u dak tal-11 ta' Frar 2004. Dawn il-ftehim iridu jigu mistharga b'mod separat ghall-

effetti taghhom ghalkemm il-konvenuti fl-ewwel eccezzjoni taghhom jaghtu wiehed x'jifhem li d-dokumenti kollha huma applikabbli ghaz-zewg ftehim. Din il-Qorti tqis li z-zewg kuntratti huma regolati skond il-ftehim separat raggunt ghal kull wiehed minnhom u hekk ser jigu trattati.

Il-Qorti trid tiddistingwi bejn iz-zewg ftehim li saru bejn il-partijiet. Fit-tieni ftehim is-socjeta' attrici tinsisti li qatt ma nghatat id-dokumenti msemmija fl-ittra tal-11 ta' Frar 2004. Hi kienet miexja bix-xogholijiet fuq l-ewwel kuntratt u ghalkemm talbet id-dokumenti qatt ma nghatawlha. Il-konvenuti ghalkemm jinsistu li s-socjeta' attrici hi marbuta mal-klawsola 32 tal-frame agreement (a fol. 316 tal-process) pero li l-Qorti tqis li l-konvenuti kienu jirreferu ghal klawzola 33, jirrizulta li dan il-frame agreement hu datat 18 ta' Marzu 2004 u ghalkemm jirreferi ghal bidu fis-sehh bhala 9 ta' Frar 2004 li tikkoncidi bejn wiehed u iehor mal-letter of intent imsemmija fl-ittra tal-ftehim tal-11 ta' Frar 2004 bejn is-socjetajiet kontendenti, pero ma jirrizultax illi dawn il-letter of intent jew dokumenti qatt gew moghtija jew mibghuta lis-socjeta' attrici jew qatt ifformaw parti mill-ittra tal-11 ta' Frar 2004 ghalkemm qari tal-imsemmija parti tal-ittra tal-11 ta' Frar 2004 li tirreferi ghall-esebiti annessi setghet tigi miftehma li huma l-istess esebiti kif imsemmija fl-ewwel ftehim billi l-kliem uzat fl-ittri taz-zewg ftehim huma identici, pero fi kwistjonijiet fejn il-gurisdizzjoni tal-Qorti qed tigi eskluza fi ftehim bejn il-partijiet din trid tirrizulta cara u minghajr ebda dubbju u mhux bhal dan il-kaz fuq l-ipotetiku jew fuq kundizzjonijiet li jidhru f'kuntratt bejn partijiet differenti b'data posterjuri ghal ftehim bejn il-kontendenti u fejn is-socjeta' attrici bl-ebda mod ma tidher inkluza jew partecipi, kif del resto issostni l-istess socjeta' Saipem f'ittra taghha tal-10 ta' Novembru 2005 lis-socjeta' attrici (fol. 125 tal-process). Dan jinghad ukoll tenut kont li l-ftehim li s-socjeta' konvenuta qed taghmel referenza ghalih cioe dik tat-18 ta' Marzu 2004 ighid b'mod esplicitu li qed jigi sostitwit kompletament il-letter of intent tal-11 ta' Frar 2004.

Il-Qorti tosserva wkoll differenza kbira bejn il-mod kif inhi redatta l-klawsola arbitrali fil-ftehim bejn Saipem u Medoffshore tat-18 ta' Marzu 2004 u dak bejn l-istess

socjetajiet tat-12 ta' Dicembru 2003 li jpoggi aktar f'dubju kemm is-socjeta' attrici setghet tintrabat b'kondizzjonijiet ta' arbitragg f'kuntratti li qatt ma gew a konoxxenza taghha, stante li lanqas il-ftehim innifsu qatt ma kien fil-pussess taghha. Hi il-parti li qed issostni mod alternattiv ta' rizoluzzjoni ta' disputa li trid tipprova li fil-fatt tali ftehim ezista u gie moghti w accettat mill-parti l-ohra. Referenza semplici ghal dokument li qatt ma nghata mill-parti li ppproponietu ma jistghax jitqies accettazzjoni implicita tad-dokument. Kif inghad, klawsola li tnehhi l-gurisdizzjoni tal-Qrati Ordinarji trid tkun manifesta u turi bic-car l-intenzjoni tal-partijiet li jidderogaw mir-regoli komuni ta' soluzzjoni ta' disputa.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi s-socjeta' attrici ma hix marbuta ma ebda ftehim arbitrali rigwardanti l-ftehim tal-11 ta' Frar 2004.

Rigward l-ewwel ftehim il-kwistjoni hi xi ftit differenti. Is-socjeta' attrici mhix qed tinnega li ma nghatatx kopja tat-terms and conditions (Exhibit II) mal-ftehim tad-29 ta' Ottubru 2003 konkluz formalment fl-10 ta' Novembru 2003, pero qed issostni li l-parti tal-kuntratt fejn tinsab il-klawsola arbitrali ma gietx inkluza mad-dokumentazzjoni moghtija lilha mis-socjeta' konvenuta. Il-Qorti taraha konvenjenti hafna li fost l-karti kollha inkluzi fl-ewwel kuntratt kellhom ikunu zewg karti biss cioe fol. 40 u 41 tat-terms and conditions neqsin, u b'kumbinazzjoni pagna 40 li titratta dwar l-arbitragg fi klawsola 68. Hu minnu illi ma hemm xejn x'juri fil-provi li dan mhux minnu pero din il-Qorti tqis li l-fatt li dokument kellu pagna relevanti nieqsa b'daqshekk ma tezentax lis-socjeta' attrici milli tkun marbuta. Fl-ewwel lok l-iffirmar tal-ftehim tad-29 ta' Ottubru 2003 konkluz formalment fl-10 ta' Novembru 2003 kien jinkludi l-adezjoni tal-partijiet ghall-esibiti li gew mghoddija bejn il-partijiet. Harsa lejn id-dokument 'terms and conditions' Exhibit 2 a fol. 18 tal-process jindika fit-tieni pagna tieghu a fol. 19 zewg titoli wiehed 'governing law' cioe kondizzjoni 67 tal-ftehim u l-iehor 'settlement of disputes' cioe kondizzjoni 68 tal-ftehim. L-istess dokument jindika li kellu 41 pagni u ghalhekk anki harsa superficjali lejn dan id-dokument kien juri l-ammont ta' pagni u li kien

hemm indikat mekkanizmu ghar-rizoluzzjoni ta' disputa. Hu ferm semplicistiku ghas-socjeta' attrici li tistrih biss fuq il-fatt li l-pagna relevanti ma kienitx f'idejhom. Pero kontrarjament ghal dak li sehh fit-tieni ftehim fejn kien jinkombi fuq is-socjeta' konvenuta l-prova li d-dokumenti annessi proposti minnha u formanti parti mill-ftehim ghaddew, f'dan il-ftehim id-dokumenti kienu fil-pussess tas-socjeta' attrici, fejn kellha zgur l-opportunita taqrahom u qabel taderixxi tissenjala l-kweziti li seta' kellha. Jekk hi injorat jew ma interessahiex tifli d-dettal li kien hemm fl-esebiti senjatament tal-kondizzjonijiet li kienu inkluz fl-esebiti mghoddija lilha ma tistax tahti ghalih is-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici aderiet ruhha ghal kull dokument imsemmi u moghti lilha bhala parti mill-ftehim. F'dak l-istadju kien jispetta lilha li tifli sew il-kontenut taghhom u jekk ma ghamlitux dan ma ghandux jahti ghalih is-socjeta' konvenuta li fl-ebda hin ma saritilha referenza ghal xi nuqqas ta' dokumentazzjoni mibghuta, hlief waqt il-kawza. In-negligenza u nonkuranza tas-socjeta' attrici ma ghandhomx ibatuha l-konvenuti.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi f'dan il-ewwel kuntratt ir-rabta kontrattwali kienet shiha u tinkludi wkoll il-ftehim arbitrali.

Pero din ir-rabta hi wahda coff, ghax harsa lejn dan il-ftehim arbitrali gia msemmi u rapurtat aktar il-fuq ma jnehhix il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti awtomatikament. Fl-ewwel lok l-artikolu 68(1) irid l-ezistenza ta' disputa. Dan jirrizulta li hemm billi hemm nuqqas ta' qbil fuq hlasijiet allegatament dovuti lis-socjeta' attrici fuq l-ewwel kuntratt. Is-socjeta' attrici tidher li kienet cara dwar in-natura tad-disputa b'ittra mibghuta lis-socjeta' Saipem fejn is-socjeta' attrici staqsit jekk is-socjeta Saipem kellhiex xi ilmenti fuq is-servizzi provduti lilha mis-socjeta' attrici li setghu interrompew il-hlasijiet dovuti lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta (ara fol. 123 et seq. tal-process).

Jidher ukoll mill-provi illi l-partijiet iltaqghu diversi drabi f'Malta (u mhux darba kif trid l-imsemmija klawsola) biex isolvu l-vertenza pero billi ma gietx solvuta l-pendenza, is-socjeta' attrici hadet il-kwistjoni l-Qorti billi l-istess klawsola 68.2 tghid fl-ahhar parti taghha "... either party

may propose to the other party that the dispute be resolved by arbitration in accordance with 68.3".

Kwindi l-Qorti tqis illi arbitragg seta' jsehh biss jekk ikun hemm ftehim bejn il-partijiet li l-vertenza tigi rizolta b'arbitragg. Ma hemmx l-obbligu izda biss l-ghazla, li s-socjeta' attrici ma riditx tiehu w invece rrikorriet, bi dritt, lejn il-Qorti. Din il-klawsola arbitrali hi biss fakultativa u mhux mandatorja. Ghalhekk il-Qorti tqis illi fiz-zewg ftehim bejn il-partijiet l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti mhix eskluza b'xi ftehim ad hoc ta' rikors lejn proceduri arbitrali f'kaz ta' disputa bejn il-partijiet.

**Gurisdizzjoni minhabba l-ghazla tal-forum bejn il-partijiet**

Il-kovenuti jorbtu din l-eccezzjoni mal-artikolu 67 tal-kuntratt tad-29 ta' Ottubru 2003 u artikolu 32 tal-ftehim datat 18 ta' Marzu 2004.

Kif gia stabbilit aktar il-fuq il-kuntratt tat-18 ta' Marzu 2004 milhuq bejn is-socjeta' konvenuta u Saipem mhux applikabbli bejn il-kontendenti ghar-rigward tat-tieni ftehim milhuq bejn il-partijiet fil-11 ta' Frar 2004 u kwindi l-klawsola li tirreferi ghal ghazla ta' ligi (artikolu 32) mhux parti mill-ftehim milhuq u ghalhekk qed tigi skartata.

Inkwantu ghall-ewwel ftehim ma hemmx dubbju li l-klawsola 67.1 fit-terms and conditions (fol. 53 tal-process) ricevuta ex admissis mill-istess socjeta' attrici hi parti mill-ftehim. Din tghid hekk: "This subcontract shall be governed by and construed in accordance with the provisions of the laws of England". Ghalkemm is-subcontract li saret referenza ghalih kien dak bejn is-socjeta' konvenuta u Saipem, pero l-esibit II cioe t-terms and conditions gew inseriti bhala parti mill-ftehim tad-29 ta' Ottubru 2003 bejn il-kontendenti u kwindi applikabbli.

B'danakollu din il-Qorti taghmel distinzjoni bejn choice of law u choice of forum. Is-socjeta' konvenuta donnu ekwiparat it-tnejn flimkien u tali klawsola giet imfissra bhala rinunzja ghal gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati. Fil-fatt

mhux hekk ghax kull ma ftehmu l-partijiet kien illi l-kuntratt u kull kontestazzjoni dwaru in linea generali ghandu jigi interpretat u kostruit skond il-ligijiet Inglizi. Dan ma fissirx illi l-forum fejn ghandu jsir kull dibattitu dwar il-kuntratt u l-effetti tieghu hi necessarjament il-Qorti Ingliza kif qed jikkontendu l-konvenuti.

Din il-Qorti ma taqbilx ma dak kontestat mill-konvenuti illi l-klawsola 67 fl-ewwel ftehim bejn il-kontendenti timplika l-eskluzzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Il-klawsola hi cara u ghandha tigi interpretata fid-dawl kif miftehma. Hi l-proper law li l-kontendenti irriferew ghaliha f'din il-klawsola u mhux il-Qorti ta' gurisdizzjoni partikolari li huma ftehmu dwarha f'kaz ta' rikors lejn il-Qrati. Ghalkemm mhux il-kompitu f'dan l-istadju tal-kawza li jigi dibattut jekk tali kondizzjoni hix innifisha assoluta u ma tippermettix eccezzjonijiet fl-uzu tal-proper law fil-kaz in kwistjoni jigi relevat illi d-dottrina stess taghmel eccezzjonijiet meta u fejn ghandu jigi mrazzan l-uzu tal-proper law avolja prima facie miftiehem bejn il-partijiet (ara **Cheshire and North 13th Edition 1995**). Ghalhekk anki din il-parti tal-eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi respinta.

**Nuqqas applikabilita tal-Council Regulation 44/2001**

Il-konvenuti qed isostnu li la darba hemm arbitration agreement u ghazla ta' forum li jitfa' kull vertenza f'idejn il-Qrati Inglizi, (argumenti mhux milqugha minn din il-Qorti), ma hemmx lok ghall-applikabilita o meno tal-Council Regulation 44/2001.

La darba gew skartati l-ilmenti tal-konvenuti ma tqis li hemm lok li tigi trattata din l-eccezzjoni billi ma hemmx lok ghaliha. Tali argumentazzjoni kienet tkun necessarja li kieku saret eccezzjoni formali ad hoc dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti bazata fuq id-domicilju tal-konvenuti. Pero din l-eccezzjoni ma saritx u ghalhekk qed tigi skartata stante li l-accenn li sar ghaliha mill-konvenuti fin-nota tal-osservazzjonijiet ma tikkostitwix eccezzjoni. Ghalhekk qed tigi skartata stante li marbuta mal-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni li qed tigi rigettata.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjez kontrihom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------